# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX.

MARZU — APRIL 1982 Nru. 5


## *EDITORJAL.....*

*"GĦANDEK MUMENT ĊANS? IRRID INKELLMEK".*

Mhux darba u tnejn niltaqgħu ma' xi ħadd li jtenniħna dawn il-kelmiet. U aħna, minn naħa tagħna, meta nisimgħuhom dkonk inwieġbu: "Ara meta trid u niltaqgħu". U jekk il-persuna l-oħra tkun trid verament tiltaqa' magħna tgħaġġel tasal tiffissa ġurnata u ħin biex niltaġgħu u nitkellmu flimkien.

Din l-istess stedina issir liħkull wieħed u waħda minna, propju f'dawn il-ġranet ħar-Randan. Kristu, mimli b'imħabba, nisimgħuh jgħidilna: "Għandek mument ċans? Irrid inkellmek". U aħna mgħaġġla u mġenna bil-ħajja li qed ngħaddu, bħal donna nieqfu ftit u naraw nistgħux naqduh. U dloħk nistaqsu: **"Fejn?; Meta?; Għal min?"**

**FEJN?** — Fejn nistgħu insibu post aħjar mill-Knisja Parrokkjali tagħna, li bħala Omm li tħobb verament lill-uliedha u tridilhom il-ġid toffrilna l-lokal tagħha biex hemmhekk inwettqu l-appuntament tagħna ma' Kristu?

**META?** — Matul il-jiem għeżież tar-Randan. Meta l-istess Knisja bil-Liturġija tagħha tgħinna nidħlu ftit fl-ispirtu li tant huwa meħtieġ biex il-bniedem jinġabar u jirrifletti, jixtarr dak li jisma' u jwiegħed ħajja aħjar għal quddiem.

**GĦAL MIN?** — Għalik, bħala membru tal-Komunità Parrokkjali ta' San Ġorġ, u għall-ħbieb kollha tiegħek li jagħmlu użu mill-parroċċa tagħna. Sew jekk miżżewġin sew jekk żgħażagħ kif ukoll adulti għandkom l-Eżerċizzi mħejjija għalikom.

***GĦALHEKK: ĠESÙ QED JISTENNA T-TWEĠIBA TIEGĦEK. HU STIEDNEK, ISSA QED JISTENNA LILEK TILTAQA' MIEGĦU. TĦALLIEHX JISTENNA. MHUX SEW. U TINSIEX: TISTA' TKUN L-AĦĦAR STEDINA.***

### KORSIJIET TA' L-EŻERĊIZZI GĦAR-RANDAN 1982

*Mit-Tnejn 8 ta' Marzu sal-Ġimgħa 12 ta' Marzu fis-7.00 p.m.*

- *GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ minn Patri ALFRED XERRI O.F.M. Kap.*

*Mit-Tnejn 15 ta' Marzu sal-Ġimgħa 19 ta' Marzu*

- *Fis-2.00 p.m. GĦAL KULĦADD minn Patri A. PITRÈ S.J.*
- *Fis-7.00 p.m. GĦALL-MIŻŻEWĠIN FLIMKIEN minn DUN MANWEL CURMI*
  (Ikun hemm min jieħu ħsieb it-tfal).

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn.
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ,
Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

## ULIED ĠODDA FIL-PARROĊĊA

6.12.81 ĠEORĠINA bint Francis Debattista u Dorothy neè Zammit.
27.12.82 DIANA bint Emmanuel Vella u Giovanna neè Mercieca.
28.12.81 EMMANUEL iben Ġorġ Said u Anġiolina neè Saliba.
13. 1.82 DOMINIC iben Raymond Fenech u M'Dolores neè Bugeja.
30. 1.82 JOSEPH MARIO iben Ġorġ Cremona u Marija neè Mintoff.
31. 1.82 ALEXANDER GEORGE iben Joseph Farrugia u Marija neè Xiberras.
31. 1.82 CHRISTOPHER iben Joseph Attard u Maria neè Attard.
2. 2.82 DAVID iben Joseph Galea u Grace neè Abela.

## INGĦAQDU FIŻ-ŻWIEĠ NISRANI

5.12.81 Pascal Attard ma' Pauline Sultana.
2. 1.82 Andrew Xerri ma' Miriam Camilleri.

## DAĦLU QABILNA FL-ETERNITÀ

[illegible].12.81 Carmelo Mizzi
2[illegible].1 Ġużepp Caruana
7. 1.82 Edmea Tabone
15. 1.82 Salvu Aquilina
16. 1.82 Marija Pace



## NILTAQGĦU NHAR

**It-tnejn 1 ta' Marzu** — Mill-lum il-quddies ta' fil-għaxija jkun fil-5.00 p.m. u fis-6.30 p.m.

**L-Erbgħa 3 ta' Marzu** — Siegħa Adorazzjoni Kommunitarja fis-2.00 p.m.

**Il-Ġimgħa 5 ta' Marzu** — L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.

**It-Tnejn 8 ta' Marzu** — Jibdew l-Eżerċizzi għaż-Żgħażagħ fis-7.00 p.m. Predikarur: Patri Alfred Xerri O.F.M. Kap.

**It-Tnejn 15 ta' Marzu** — Jibdew l-Eżerċizzi għal kulħadd fis-2.00 p.m. Predikatur: Patri A. Pitrè S.J.
Jibdew l-Eżerċizzi għall-Miżżewġin fis-7.00 p.m. Predikatur: Dun Manwel Curmi.

**Il-Ġimgħa 19 ta' Marzu** — Solennità ta' San Ġużepp. Fis-6.30 p.m. Konċelebrazzjoni Solenni.

**Il-Ħamis 25 ta' Marzu** — Tibda s-Settiena tad-Duluri. Fis-6.30 p.m. quddiesa bi priedka dwar il-Verġni Marija.

**Il-Ħadd 28 ta' Marzu** — Il-Ħames Ħadd tar-Randan. Fl-4.00 p.m. quddiesa tal-Kwareżimal. Illum jibda l-ħin tas-Sajf.

**It-Tnejn 29 ta' Marzu** — Mill-lum il-quddies ta' fil-għaxija jkun fil-5.30 p.m. u fis-7.00 p.m.

## MARZU 1982

## APRIL 1982

**Il-Ġimgħa 2 ta' April** — L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.

**Il-Ħadd 4 ta' April** — Ħadd il-Palm. Fl-4.00 p.m. Funzjoni tat-tberik tal-palm u żebbuġ u Konċelebrazzjoni.

**L-Erbgħa 7 ta' April** — Via Sagra ma' l-Isqof fi Pjazza S. Ġorġ fis-7.00 p.m.

**Il-Ħamis 8 ta' April** — ***Ħamis ix-Xirka. Funzjoni fis-6.00 p.m.***

**Il-Ġimgħa 9 ta' April** — ***Il-Ġimgħa l-Kbira. Funzjoni u Adorazzjoni tas-Salib fl-4.00 p.m. Wara Purċissjoni tradizzjonali bis-sehem tal-Banda La Stella.***

ikompli paġna 3



## JUM SAN ĠORĠ
### *Il-Ġimgħa 23 ta' April*

*Jum San Ġorġ kulħadd ikun jistennieh bil-ħerqa. F'dan il-jum għażiż tat-23 ta' April il-ġorġjani kollha ma jonqsux li jżuru l-Bażilika tiegħu u jagħmlu ħilithom biex dak in-nhar jagħtu lill-qaddis patrun tagħhom rigal - qrara sinċiera u tqarbina devota. Dan kollu biex Alla l-Imbierek jgħinna nifbħu d-diffikultajiet tal-ħajja tagħna bħal kbir martri San Ġorġ.*

*F'dan il-jum għażiż għalina l-Eċċ. Tiegħu Mons Isqof Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu jmexxi konċelebrzzjoni Pontifikali solenni mal-Kapitlu u Kleru fis-7.00 p.m.*

## SWOR KRISTINA FIT-TEATRU ASTRA

*Kien ta' sodisfazzjoni għal kulħadd li nhar is-Sibt 30 ta' Jannar il-Għaqda tal-Palk tat-Teatru Astra ppreżentat għall-ewwel darba l-kummiedja soċjali ta' Ġorġ Pisani* **"Is-Sigriet ta' Swor Kristina"**. *Għas-serata kien preżenti l-awtur innifsu li għamel kelmtejn ta' introduzzjoni. Mill-paġni tar-rivista tagħna nixtiequ nifirħu lill-atturi kollha għax-xogħol li taw biex din ir-rappreżentazzjoni setgħet tilħaq il-livell li laħqet. Il-produzzjoni ta' din il-kummiedja soċjali kienet f'idejn il-veteran Ġorġ Xerri li mhux l-ewwel darba li ppreżenta fuq il-palk Għawxdxi xogħolijiet oħra ta' Ġorġ Pisani.*

## RIŻULTAT TAL-KOMPETIZZJONI NUMRU 3

It-tweġibiet tal-Kompetizzjoni numru 3 kellhom ikunu hekk:-

a) Mattia Preti — b) 1678 — c) Fil-Mużew Nazzjonali, Malta.

Fost dawk li wieġbu tajjeb telgħet bix-xorti: Sandra Cassar, S. Giorgio, Sannat Raod, Victoria, Gozo.

(ikompli minn paġna 2)

**Is-Sibt 10 ta' April** — ***Sibt il-Għid. Fit-8.00 p.m. Funzjoni tat-tberik ta' l-ilma u l-blandun u Konċelebrazzjoni.***

**Il-Ħadd 11 ta' April** — ***L-Għid il-Kbir. Fit-8.00 a.m. Konċelebrazzjoni Solenni.***

**It-Tnejn 12 ta' April** — Jibda t-tberik tad-djar.

**Is-Sibt 17 ta' April** — ***Kunċert minn Orkestra Ingliża fit-8.00 p.m.***

**Il-Ħamis 22 ta' April** — ***Lejliet il-Festa ta' San Ġorġ. Fis-6.30 p.m. Għasar Solenni.***

**Il-Ġimgħa 23 ta' April** — ***Festa Liturġika ta' San Ġorġ Martri. Quddies il-ġurnata kollha. Fis-7.00 p.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija minn Mons. Isqof, Dekan tal-Kapitlu.***


**MEJLAK JEWELLERY**

*24, Republic Street, Victoria. Tel: 551303*

***FOR GOLD, SILVER, WATCHES & GEMS AT THEIR REAL VALUE***

**AN OLD NAME IN THE TRADE**

**For all plain paper copying call at the**

***RANK XEROX BUREAU***

*(opposite Lyceum)*

Business Hours:
**8.00 a.m. — 12.30 p.m.**
**3.00 p.m. — 6.30 p.m.**
**Saturdays: 8.00 a.m. — 12.00**

## JIKTBILNA

Is-Sur J. Zammit Ciantar

# L-Ismijiet tal-Postijiet u s-Seħer Tagħhom

Se jkollna tarbija. X'isem nagħtuha?
Jekk tkun tifla nagħtuha dan l-isem...
U jekk jiġi tifel?
Jekk ikun tifel insemmuh ... jew ...
Le. Jekk ikun tifel insemmuh ... Isbaħ. Helu aktar. Imbagħad naraw.

Tasal it-tarbija u tispiċċa b'isem li la nnannu, la z-zija u lanqas il-kappillan ma jkun qatt sema' bih.

Dan minn fejn qlajtuh?

Dak isem ta' artist tal-films, sur Kappillan.

U fejn sejjer b'rasek! Dak isem ta' kantant. Ġej bl-artisti l-ieħor.

U iva, sur Kappillan, mhux xorta. Dak isem li xi darba smajnieh u għoġobna. Sabiħ, le?

Illum nagħtu isem lil tarbija aktar b'gost milli għax nixtiequ jew infittxu li jkun hemm xi forma ta' rabta bejn it-tifsira tiegħu u l-ħajja li se tgħix jew taqbad it-tarbija la tikber. Ħafna drabi jinteressana li jkollna isem "mhux komuni", li "hu sabiħ" jew li "jdoqq ħelu". Xi drabi, forsi wkoll, għad li drawwa li qed tinqata', ġie li nfittxu li nsemmu "għan-nanna" jew xi ħadd fil-familja, jew għall-qaddis tarraħal. Jimpurtana biss il-gost li meta nsejħu b'dak l-isem iwieġeb it-tifel jew it-tifla bl-isem mhux tas-soltu. U dwar it-tifsira ta' l-isem?

Mela isem suppost li jfisser xi ħaġa? Tant hu hekk li l-Ingliżi jgħidu *"What's in a name?"* mhux hekk?

Mela le! Mhux hekk tgħid? Xejn ma jfisser isem!

Fil-Vanġelu ta' San Mattew, Kap 1, versi 21 u 22 naqraw hekk:

> "... u int issemmih *Ġesù*, għax hu jeħles il-poplu tiegħu minn dnubiethom... 'Ara x-xebba titqal u tiled iben, u jsemmuh *Għimmanuel*', li jfisser 'Alla magħna'."

Fit-traduzzjoni tiegħu, P.P. Saydon, minn fejn hi meħuda l-kwotazzjoni, jannota "*Ġesù* hu isem Lhudi *Jexuagħ* li jfisser "ħellies"."[1] U huwa sewwa sew għalhekk li l-evanġelista jżid ir-raġuni ta' l-għoti ta' dak l-isem. San Mattew ikkwota wkoll il-profezija li fiha dwar dan ittwelid u f'din ukoll kien tfisser l-isem li llum wasal għandna fil-forom ta' *Manwel/i, Leli* u *Manolo* fost oħrajn. Altru li isem ifisser xi ħaġa.

Eżempju ieħor ta' dan neħduh mingħand listess evanġelista, Kap 16, vers 18. San Mattew qiegħed jirrakkonta l-episodju tattwaqqif tal-Knisja, fejn Ġesù jispiċċa jdur fuq l-appostlu Xmun u jgħidlu:

> "... int *Pietru* u fuq din il-*blata* nibni l-Knisja tiegħi."

Bit-Taljan il-'logħba' bil-kliem jew aħjar irrabta bejn it-tifsir ta' l-isem u l-ħidma ta' Xmun Pietru tidher aktar ċara. Qabbel f' "... tu sei *Pietro* e sopra questa *pietra*..." Saydon ifisser li Ġesù kien qiegħed jitkellem bl-Arami fejn il-kelma, allura, hi *kefa* li "bil-Grieg hi *petra*, li bħala isem ta' raġel saret *Petros* u fil-Latin Petrus."[2] Ġesù sejjaħ lill-appostlu b'isem li fih innifsu kien jorbot mal-missjoni li fdalu f'idejh.

Saħansitra l-isem komuni *bniedem*[3] fih tifsira. U jekk wieħed jieqaf jaħseb ftit għandu mnejn malajr jintebah u jifhem xi jfisser. Għandu mnejn malajr isib li din hija kelma komposta, li hi kelma magħmula minn għaqda ta' żewġ kelmiet — *bin* u *Adam*. Dan għaliex aħna lkoll ulied Adam, għax kull maħluq ġej minn Adam. Naturalment il-kelma komposta ġarrbet xi tibdil u allura m'għadhiex daqshekk ċara u tingħaraf ma' l-ewwel daqqa t'għajn bħal, ngħidu aħna, fil-każ ta' *binġemma* fl-isem ta' *Wied Binġemma* fin-Nadur tagħna, Għawdex.

U hawn niġu għall-argument ewlieni ta' dan l-istudju.

Jekk isem ta' bniedem ifisser xi ħaġa dak ta' post ifisser ħafna wkoll.

Isem ta' post ninqdew bih sabiex naslu fejn irridu u xejn aktar. Daqshekk jimpurtana. Ftit huma dawk li jħabbtu rashom b'isem ta' post aktar minn hekk. Min jaħseb li *għajn, għar, għalqa, ħotba, għolja, wied, ponta, blata* u ħafna postijiet kbar u żgħar, maż-żmien ħadu

isem li żgur kien ifisser xi ħaġa, li żgur kellu xi rabta ma' *dak* il-post u mhux ma'ieħor, biex jagħżel li *dak* il-post minn jew fost postijiet oħra bħalu? In-nies li ġew wara setgħu żammewh kif kien jew għaġnuh min jaf kif u għala u wassluh għandna kif inhu llum. L-isem spiċċa biex sar ħaġa 'aċċettata' tant li ftit li xejn naħsbu li dan huwa kelma oħra importanti minn dawk li jaqduna biex nikkomunikaw bejnietna u li, għal xi darba ma ngħatax sempliċement għal jew b'gost, imma b'ċertu għaqal, jekk inqegħduh taħt il-lenti xjentifika tat-toponomista, jista' jikxef ilsien, storja, ħajja soċjali, drawwa, twemmin u min jaf xiex aktar, tan-nies li wżawh l-ewwel darba.

Ħadd ma jaħbad u jsemmi post hekk kif ġie ġie, jew b'gost għax l-isem 'idoqq ħelu'. Kważi l-ismijiet kollha tagħna sibniehom magħna, trabbejna fihom u xejn ma tajna każ jew kellna ċans noqogħdu naħsbu kemm l-isem huwa ħelu jew le. Ma rridux inħarsu lejn l-ismijiet ta' xi postijiet bħal dawk li ngħataw lil xi mkejjen bħal *Beltissebħ, Ħasserħ* u *Beltilħażna*. Għalkemm huma ismijiet li jidhru li ġew iffurmati b'ċerta ħsieb ħdejn l-oriġini ta' dawk li sibna magħna jidhru wisq artifiċjali.

Fit-traduzzjoni ta' l-Erba' Vanġeli ta' G.M. Paris, Kap 27, vers 8, fis-silta fejn naqraw fuq meta Ġuda "telaq u mar tgħallaq" naqraw hekk:

> "Għalhekk dik l-għalqa (fejn difnu lil Ġuda) ġiet imsejħa *Ħaċeldama,* jiġifieri għalqa tad-demm, ..."[4]

Illum it-traduzzjonijiet ma jagħtux l-isem *Ħaċeldama,* imma jagħtu biss:

> "Għalhekk dik l-għalqa semmewha l-Għalqa tad-Demm."

Jiġifieri min qed jaqleb għal ilsienna, qed jagħtiha l-isem tagħha bi lsienna. Xorta waħda interessanti l-fatt li l-evanġelista jfisser kif nibet l-isem ta' l-għalqa.

Ftit aktar 'l isfel f'dan l-istess kapitlu, vers 33, nerġgħu niltaqgħu ma' tifsira ta' isem ta' post ieħor. Il-kittieb qiegħed jirrakkonta l-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.

> "U Xħin waslu fi mkien, ighidulu *Golgota,* jiġifieri mkien il-Qorriegħa, ..."

L-evanġelista ma kellux għalfejn jagħti t-tifsira ta' l-isem tal-post. Din ma żżid xejn dwar il-ħajja, it-tagħlim jew it-tbatija ta' Ġesù. Imma l-kittieb osservatur seta' jfisser u fil-fatt fisser l-isem ta' l-għalqa u dak ta' l-għolja. Ta' min jinnota li l-istess isem Golgota huwa mfisser ukoll minn San Mark, Kap 15, vers 23 u San Ġwann, Kap 19, vers 17.[5]

Mela isem ta' post ukoll ifisser xi ħaġa. F'dawn iż-żewġ każi ħafu *kif* nibet wieħed u x'*kien ifisser* l-ieħor.

Preċiżament għax isem ta' post huwa meqjus bħala *kelma oħra* importanti, parti mill-ilsien li nitħaddtu, illum jaqa' taħt qasam ta' studju speċjalizzat imsejjaħ *TOPONOMASTIKA* (rari *Toponimija* kif jagħti Dun Karm — mill-Ingliż *toponymy).*[6] Din ukoll hi kelma komposta. Aħna ħadnieha mit-Taljan fejn daħlet mill-Grieg/topos/'post' u/onuma/'isem'. Dan l-istudju jfittex it-tifsir, l-oriġini u l-possibiltà ta' xi tibdil fis-xens ta' l-ismijiet tal-postijiet. Jitkixxef ukoll għall-possibiltà ta' xi trasformazzjoni li jkun seta' ġarrab matul is-snin l-isem konċernat. Għalkemm dan l-istudju beda jsir bis-serjetà mill-aħħar nofs tas-seklu l-ieħor ma jfissirx li qabel ħadd ma pprova jgħid jew jagħti tifsir lil xi isem jew ismijiet bħal dawn.

**Referenzi**


1. P.P. Saydon, *L-Evanġelju ta' San Mattew*, Malta, 1954, p. 2.
2. *Ibid.*, p. 46.
3. Għall-etimoloġija ta' din il-kelma ara E. Serracino Inglott, Il-Miklem Malti, 1975 — , taħt *bniedem.*
4. G.M. Paris, *L-Erba' Vanġeli ta' Sidna Ġesù Kristu*, Malta, 1963, p. 90. (Mhux soltu tingħata l-paġna għal referenza mill-Bibbja. F'dan il-każ qiegħda tidher il-paġna minħabba li, kif semmejt, il-kelma *Ħaċeldama* m'għadhiex tingħata fit-traduzzjonijiet ta' llum.)
5. Jista' jkun li traduzzjonijiet oħra tal-Bibbja, tas-sentenzi u forsi wkoll xi kelma 'l hawn u 'l hinn ma jaqblux preċiżament ma' dawk ta' Saydon. Is-sens imma jibqa' l-istess.
6. Ara Dun Karm Psaila, *Dizzjunarju Ingliż - Malti,* Malta, 1936 — 1955, taħt toponymy.




**Għeżież tfal,**

Wasalna f'nofs is-sena ta' l-iskola. Kif intom sejrin? Qegħdin tistudjaw xejn? Il-*homework* qegħdin nagħmluh kollu, bl-attenzjoni u bil-qalb? Fil-klassi, kif qegħdin inġibu ruħna? Nobdu xejn lit-*teachers* tagħna? Nixtieqkom toqogħdu ftit fil-kwiet biex twieġbu dawn il-mistoqsijiet. U qisu li tkunu sinċieri.

U biex inkomplu fuq din in-nota tal-mistoqsijiet, irrid nagħmlilkom tliet mistoqsijiet oħra. Imma, qabel xejn, isimgħu din:-

Mario kien jiftaħar li hu fid-dar ma jgħin xejn, għax fid-dar mhux hu biss jiekol u jħammeġ. Kien igħid li hemm ħutu l-oħra wkoll, u kienu akbar minnu. Kienu bniet, u dan kien xogħolhom. Malli kienu jikkmandawh xi ħaġa, kien jibda' jgħajjat u jħabbat saqajh ma' l-art. F'kelma waħda kienn jilagħba ta' wieħed nervuż ħafna u b'hekk kien jiffranka ħafna mix-xogħol, għax ma kien jagħmel xejn. Kien igħid li jekk ma jħabbel rasu fuq ħadd u għal ħadd, iktar kien imur tajjeb.

Issa, il-mistoqsijiet:-

**a)** *Tgħid hawn tfal li jaħsbuha bħal Mario?*

**b)** *Kieku kont inti minflok Mario, X'kont tagħmel?*

**c)** *Għaliex fid-dar suppost li jagħti s-sehem tiegħu kulħadd, subien jew bniet, kbar u żgħar?*

*Sakemm nerġgħu niltaqgħu, tfal, nixtieq lilkom u lill-familji tagħkom Għid mill-iżjed ħieni u qaddis.*

**IŻ-ZIJU PEPPI**

## KOMPETIZZJONI NUMRU 4

a) Semmi żewġ statwi ta' l-injam fil-Bażilika tagħna.
b) Liema huma it-tliet qaddisin li jidhru fuq is-swar fl-Arzella n-naħa ta' l-Erwieħ?
c) Għaliex il-kwadru ta' San Mikiel fil-Bażilika ma jixbaħx lill-oħrajn?

***Ibgħat it-tweġiba tiegħek f'dan l-indirizz:***

***IL-BELT VITTORIA. Ċentru Parrokkjali San Ġorġ,***
***Triq Karità,***
***Victoria.***

***Mhux aktar tard mill-Ħadd 28 ta' Marzu 1982.***

### *Offerti għall-ispejjeż ta' din ir-rivista*

*Mons. F. Borg 50c; Dun Coronato Grima (Ġibiltà) £M1; Maria Scicluna 50c; Cetta Xerri 50c; Ġoilina Theuma £M1.*

***Mill-Awstralja:** G. Grech £M2.50; J. Portelli £M1.*

***Mill-Kanada:** P. Saliba £M2; J. Cassar £M3; M. Grech £M2.*

## NIFIRĦULHOM.....

- Nifirħu lill DUN ĠORĠ BORG li għadu kemm inħatar Direttur ta' l-Oratorju Don Bosco mill-E.T. Mons. Isqof.
- Nifirħu ukoll lil STEPHEN U COLIN ATTARD li għadhom kemm kisbu diplomi sbieħ fil-mużika. Stephen Attard ħa d-Diploma ATCL fid-daqq tal-pjanu u ħuh Colin, illum student fl-Universitá, ħa d-Diploma A.Mus.L.C.M.
- Nirringrazzjaw lill DUN MANWEL CURMI għall-ħidma tiegħu fl-Oratorju Don Bosco fl-għaxar snin li tiegħu dam Direttur.

# IL-QADDIS TAX-XAHAR SAN ĠUŻEPP

## *(19 ta' Marzu)*

Il-ftit li nafu dwar San Ġużepp nafuh mill-ewwel u mit-tieni Vanġelu. Kien minn nisel ta' David, bin Ġakobb (Mt. 1,16). Fir-rakkont tat-tħabbir, Marija tiġi ppreżentata bħala għarusa ta' Ġużeppi li għadu ma rċevihiex f'daru. Il-Vanġelu ma jgħid xejn fejn u meta twieled Ġużeppi u lanqas kemm-il sena kellu meta ħa 'l Marija.

Ġużeppi kien 'bniedem ġust'. Dan il-paniġerku li għamillu l-Ispirtu Santu, flimkien mal-privileġġ li ġie mahtur kustodju ta' Ġesù u tax-xbubija ta' Marija, huma s-sies tal-qima u tal-kult ta' San Ġużepp.

Fil-punent l-ewwel knisja f'ġieħ San Ġużepp insibuha Bologna fl-1129. Id-devozzjoni lejn dan il-qaddis kibret biż-żelu ta' San Bernard, San Tumas, Santa Briġida u fuq kollox ta' Santa Tereża li stqarret, "Jien għażilt 'il glorjuż San Ġużepp bħala patrun tiegħi. Ma niftakarx li qatt tlabt 'l Alla xi ħaġa permezz tiegħu u ma ksibthiex. Ma naf 'il ħadd li wara li talbu ma għamilx progress fil-virtù; għax hu jgħin b'xi mod ta' l-għaġeb lil dawk kollha li jitolbuh biex jaqbeżm għalihom". (Santa Tereża fis-Sitt Kapitlu tal-Ħajja tagħha li kitbet hija stess). San Bernard juri l-kobor ta' San Ġużepp b'dan il-kliem sabieħ: "Hu kien tabilħaqq il-kooperatur fidil fl-esekuzzjoni tal-pjani Divini fuq l-art".


**KORS SPEĊJALI TAT-TISJIR**
**AQRA L-AVVIŻ**
**U APPLIKA MALAJR**
***NUMRU LIMITAT***



**A.F. ELLIS LTD.**
**4, Għajn Qatet Str., Victoria, Gozo.**
Marblers - Floor Tiles Manufacturers,
Suppliers of Domestic Appliances,
Bathroom Suites & All Building Materials.
***Tel: GOZO 556021, 556630 MALTA 42314.***




# IL-KOPPLA TAL-BAŻILIKA

## Ir-Raba' Kwadru

***"Qui vicerit non laeditur a morte secunda".***

***"Minm jirbaħ ma jiġix minsus mit-Tieni Mewt".***

Meta dineb Adam, daħlet fid-dinja l-mewt. Il-mewt tal-ġisem għax il-bniedem tilef il-privileġġ ta' l-immoralità. U daħlet ukoll il-mewt tar-ruħ, jiġifieri d-dnub li jġib miegħu d-dannazzjoni eterna.

Ġesù fdiena billi ħelisna mhux mill-mewt tal-ġisem, imma mill-mewt tar-ruħ. Għalhekk lil min jirbaħ, bħal qaddis patrun tagħna Ġorġi, Ġesù iwiegħdu li jiġi meħlus mid-dnub u mit-tbatija eterna.


**FOR ALL SORTS OF SPIRTS**
**SHOP AT**
**THE BOTTLE BANK**
*WINE AND SPIRITS CELLARS*
**24, MAIN SQUARE,**
**VICTORIA, GOZO.**

# IL-KURĊIFISS DEVOT U MIRAKOLUŻ

Wieħed mit-teżori artistiċi fil-Bażilika ta' San Ġorġ huwa l-Kurċifiss; opra fl-injam ta' l-iskultur Belti Pawlu Azzopardi (1791 — 1875). Dan il-Kurċifiss devot kien inħadem fl-1848 u juri lil Kristu fl-aħħar waqtiet qabel il-mewt. Kien ġabar għalih is-Sur Franġisk Schembri (tad-Deredej), mir-Rabat, li kellu ħanut tax-xorb u l-imbid fi Triq Providenza, quddiem in-niċċa tal-Madonna li ġġib l-istess isem.

Kienet ukoll id-dgħajsa tal-latini ta' Franġisk Schembri li ġabet dan il-Kurċifiss mix-xatt tal-Belt Valletta għall-Imġarr ta' Għawdex.

Fiż-żmien li fih sar dan il-Kurċifiss kien Arċipriet il-Kan Mikiel Franġisk Buttigieg D.D. (1848 — 1863) u sar propju fl-ewwel sena tal-parrokat tiegħu. Il-Kan. Buttigieg wara laħaq l-ewwel Isqof tad-Djoċesi ta' Għawdex imwaqqfa fit-22 ta' Settembru 1864.

Minn meta tpoġġa f'postu dan il-Kurċifiss sal-lum dejjem gawda devozzjoni, mhux biss matul l-ġimgħat tas-sena u l-jiem tar-Randan Imqaddes, imma wkoll matul is-sena kollha. Ħafna huma d-devoti li jiġu jinvistawh fil-kappella f'riġlejn l-artal tiegħu. Ta' min wieħed isemmi li fil-Bażilika ta' San Ġorġ hemm ukoll il-Fratellanza tal-Kurċifiss. Iċ-ċerimonja tal-ilbies ta' l-ewwel fratelli ġiet imexxija mill-Isqof Mgr. Ġan Marija Camilleri O.E.S.A. fil-15 ta' Ottubru 1893, meta kien Arċipriet il-Kan Dr. Dun Felic Refalo.



Dan il-Kurċifiss mirakoluż joħroġ darba fis-sena minn niċċa tiegħu u dan biex iżejjen il-Vara l-Kbira tal-purċissjoni devota u tradizzjonali, l-ewlenija f'Għawdex, li toħroġ fil-Ġimgħa l-Kbira. Id-devozzjoni lejn dan il-Kurċifiss tkompli tikber u tixtered meta jkun bejn it-tliet statwi l-oħra ta' San Ġwann, ta' Marija Addolorata u l-Maddalena mgħannqa mas-Salib.

Mhux ta' b'xejn li f'dawn il-jiem għeżież tar-Randan mijiet u mijiet ta' nies iżuru l-kappella ta' dan il-kurċifiss li, barra milli huwa opra ta' arti sagri minn idejn artist magħruf, żgur li jnissel f'dawn li jżuruh indiema sinċiera għal ħtijiethom.

***Kan. Dun Nikol Vella Apap***

**TONQOSX LI TARA D-DRAMM TAL-PASSJONI TA' KRISTU FIT-TEATRU ASTRA**

**A.V. BARTOLI & SONS LTD.**

*THE NAME FOR ALL YOUR TRAVEL AND INSURANCE REQUIREMENTS*

Air, Sea & Rail Tickets, Air Freight & Sea Freight, Shipping & Forwarding

*Insurance:*

Travel, Motor, Factories, Shops, Burglary, Fire & Personal Belongings.

***A.V. BARTOLI & SONS LTD., NEW BUILDING, REPUBLIC STR***

***VICTORIA - GOZO. TEL: 556446.***



A. & M. Printing Ltd., Qala, Gozo. Tel: 556071, 551488.